# Is-Siġġiewi fit-Tieni Nofs tas-Seklu XIX

Nicholas Vassallo D. Litt.

Wara li fl-1800, bl-għajnuna ta' Sir Alexander Ball u l-qawwiet Ingliżi, rnexxielhom jeħilsu mill-Franċiżi, il-Maltin ħassewhom wisq kburin li issa setgħu jkunu rajhom f'idejhom bla ma ħadd jindaħlilhom. Iżda mhux hekk kellu jkun. F'Lulju tal-1801 Mr Charles Cameron, il-Kummissarju Ċivili għal Malta maħtur mir-re tar-Renju Unit, f'ittra li kiteb lill-Maltin kellu bosta kliem ta' tifħir għall-qlubija li wrew fl-assedju kontra l-Franċiżi; sa sejħilhom "*the Maltese Nation*"[1]. Madankollu, fit-Trattat ta' Pariġi fl-1814, l-Ingilterra mingħajr ebda konsultazzjoni mar-rappreżentanti ta' ġensna iżda bi ftehim ma' Franza u l-qawwiet l-oħrajn, ingħatat is-sovranità assoluta fuq Malta u l-gżejjer tagħha. B'hekk bdew żminijiet ġodda għall-Maltin meta artna, għal mija u ħamsin sena, saret kolonja tal-Imperu Britanniku.

Minkejja l-ħafna wegħdiet, il-Maltin malajr xammew li mhix ser tkun ħaġa ħafifa daqs kemm ħasbu biex jieħdu l-kontroll fuq l-edukazzjoni, ġbir ta' taxi, infiq ta' flus għall-ħtiġijiet ta' arthom u bosta ħwejjeġ oħra li, fi żmien l-Ordni ta San Ġwann, kienu jiddeċiduhom biss il-Gran Mastru u l-ftit kavallieri magħżulin minnu biex jgħinuh fit-tmexxija ta' dawn il-gżejjer. Il-Maltin, nistgħu ngħidu, sabu ruħhom f'qagħda agħar minn qabel għax, issa, l-Ingliżi żammew għalihom u s-suldati tagħhom is-*Sacra Infermeria*, kif kien magħruf l-isptar fi żmien l-Ordni. Ħadu wkoll taħt idejhom il-fortizzi kollha u t-torrijiet ta' max-xtut li sal-1797 kienu jħaddmu bosta għassiesa Maltin. Iżda tal-anqas, issa l-Maltin setgħu iressqu mingħajr biża' l-ilmenti tagħhom quddiem l-awtoritajiet. B'hekk kiber l-interess tagħhom fil-politika u f'dak kollu li kien qed jiġri madwarhom, l-aktar meta lejn nofs is-seklu żdied in-numru ta' gazzetti stampati f'Malta wara li l-gvern naqqas iċ-ċensura.

**L-emigrazzjoni lejn naħat oħra tal-Mediterran**: Bejn l-1815 u l-1864 il-qawwiet Ingliżi żammew ukoll taħt il-"*protezzjoni*" tagħhom seba' gżejjer Griegi imferrxin minn nofs il-Baħar Adrijatiku sal-ponta t'isfel tal-Greċja. Għalhekk taħt l-Ingliżi, bl-aqwa flotta ssalpa mingħajr waqfien fil-Mediterran, il-ħażniet tal-ikel saru aktar stabbli minn qabel għax hekk kien jaqblilhom il-mexxejja l-ġodda ta' Malta. Dan sewa tajjeb ħafna lill-Maltin ukoll. Iżda biex tiekol trid tħallas u għalhekk il-ġid ma kotorx għal kulħadd l-istess. Ħafna Maltin ma kellhomx għaxja ta' lejla u l-popolazzjoni ta' Malta lejn l-1850 qabżet il-mija u għoxrin elf ruħ, żieda ta' tmienja fil-mija fuq l-għaxar snin ta' qabel. Iżda tal-anqas min kien bla xogħol issa seta' jfittex fejn jaħdem f'waħda minn dawn il-gżejjer Griegi mmexxijin mill-Ingliżi[2]. Bosta kienu dawk li siefru lejn Korfù fejn sal-lum għad hemm numru ġmielhom ta' dixxendenza

Maltija. Fost dawk li sabu xogħol f'Korfù kien hemm ukoll xi Siġġiwin kif isemmilna n-nutar Francesco Caruana f'diversi atti tiegħu wara l-1859[3]. Kienu jaħdmu l-aktar f'bini ta' *barracks* għat-truppi kif ukoll fit-tisħiħ tas-swar u fortizzi li ħallew warajhom il-Venezjani meta dawn il-gżejjer għaddew għand ħaddieħor. F'Korfù bnew ukoll il-palazz tal-gvernatur Ingliż li, skont ma jingħad, sar b'ġebel ta' Malta. Siġġiwin oħrajn, meta raw li mal-Ingliżi marru aħjar, baqgħu Korfù u fittxew xogħol fir-raba' bħalm'għamlu Nikol u Salvu Bonello imweldin is-Siġġiewi. Salvu għamel prokura lil ħuh Nikol li f'Diċembru tal-1868 reġa' lura għal ftit jiem is-Siġġiewi u biegħu flimkien m'oħthom Roża – xebba – id-dar li kellhom fi Triq il-Kbira (*Strada Reale*) lil ċertu Ġużeppi[4].

Biex itaffi l-qagħad il-gvern Ingliż ħajjar il-Maltin jemigraw lejn il-kosta tal-Afrika fil-Mediterran, l-aktar wara l-1850 meta l-Alġerija u t-Tuniżija għaddew taħt il-ħakma Franċiża. Il-kummerċ bejn Malta u l-bliet ewlenin tax-xtut tal-Afrika żdied ġmielu. Minn Ġerba l-Maltin kienu jixtru legumi (għazz, ful, fażola, eċċ) u bhejjem tax-xedd, l-aktar ħmir u bgħula. Ġerba ma tantx kellha fama tajba! B'hekk bosta Maltin fittxew xogħol f'l-Alġier u aktar tard f'Bona u f'Tunes anki minħabba li eqreb lejn Malta u għalhekk kien eħfef għalihom jiġu lura meta jeħtiġilhom. Milli jidher f'dawk iż-żminijiet, għal raġuni jew oħra, ħafna mir-raħal tagħna għażlu li jittantaw xortihom f'xi waħda minn dawn l-ibliet, fosthom l-aħwa Indrì u Ċikku Farrugia. F'1869, Indrì minn Tunes fejn kien joqgħod ma' martu Roża biegħ bi prokura lil ħuh Ġużeppi sehmu mill-ħanut li kellu fi Triq Santa Margerita. Għaxart ijiem wara, ħuhom Ċikku, bejjiegħ tal-ħwejjeġ u ukoll residenti Tunes, ġie lura s-Siġġiewi għal żmien qasir biex bħal Indrì jbiegħ sehmu tal-ħanut lil Ġużeppi kif ukoll il-ġardina li kellu fi Triq Ħal Ramija[5]. Patist (Ġan Battista) Zammit ukoll, wara li telaq lejn Tunes, fetaħ negozju hemm u meta hu u ħutu qasmu l-wirt ta' bejniethom ġie s-Siġġiewi kemm biegħ sehmu mid-dar li kellhom fi Triq Tabrija. Oħrajn, bħal Marjanna bint Nikola Muscat, twieldu Tunes u wara li reġgħu lura Malta iżżewġu u baqgħu jgħixu s-Siġġiewi. Iżda kien hemm ukoll min emigra u miet hemm - Tunes - bħal fil-każ ta' Salvu Schembri li, meta żewġha miet u kien midfun it-Tuniżija, martu Grazzja għażlet li tiġi lura s-Siġġiewi qrib missierha Mikiel Zarb[6].

Kien hemm ukoll għadd mhux ħażin ta' Siġġiwin li żżewġu emigranti oħra Maltin u rawmu l-familja hemm fosthom il-familja Cutajar (Tal-Boċċita, mill-inħawi ta' Ħal Ramija) li baqgħu jgħixu fejn trabbew sa meta t-Tuniżija ngħatat l-indipendenza fl-1956. Iżda wara dawk is-snin kollha, mbagħad, huma u bosta Maltin oħra għażlu li jmorru joqogħdu Franza għax xi wħud minn uliedhom bilkemm kienu jafu jitkellmu bil-Malti u aktar kienu jħossuhom Franċiżi! Mhux hekk għamlu l-familja Vella (Tal-Baġiġ, min-naħa ta' Ħal Ramija wkoll); wara xi snin il-missier reġa' lura s-Siġġiewi b'martu u ż-żewġ uliedu fejn għexu l-bqija ta' ħajjithom.

Bona u l-Alġier, żewġt ibliet minn dejjem magħrufin għall-kummerċ, kienu fost il-favoriti mal-Maltin. Fl-imgħoddi, fi żmien il-kavallieri ta' San Ġwann, l-Alġier kienet imsemmija għas-suq u l-kummerċ tal-ilsiera. Iżda wara l-1800 Napuljun qata' għal kollox din id-drawwa misħuta u ordna li l-ilsiera kollha tal-Mediterran jingħataw il-ħelsien. B'hekk spiċċa kull biża' li xi ħadd jinqabad ilsir. Il-Maltin issa, bis-saħħa wkoll tal-flotta Ingliża, bħalma semmejna, dehrilhom li kien jaqblilhom ibigħu u jixtru mingħand l-Għarab. Xi wħud xtraw ukoll raba qrib il-bliet u ħajjru oħrajn jaħdmulhom l-art, bi ħlas, bil-ħsieb li jbigħu l-uċuħ lill-qawwiet Ingliżi u Franċiżi. Hekk għamlu

Pawlu Mamo u ibnu Ġużeppi mweldin Ħaż-Żebbuġ li qattgħu għomorhom jaħdmu l-Alġier, Pawlu bħala bennej u ibnu fir-raba' (*coltivatore di terre*). Il-missier, sa meta qed insemmu, fl-1872, kien xjaħ u rtira għalkollox waqt li ibnu wkoll kien imdaħħal fiż-żmien. Dik is-sena huma ġew għal żmien qasir għand qrabathom is-Siġġiewi biex biegħu sehemhom minn ġardina fi Triq Santa Margerita[7]. F'każ ieħor, Ġużeppi Galea minn Ħad-Dingli, meta żżewweġ lil Marija mis-Siġġiewi, siefer lejn Bona fejn kien hu wkoll jaħdem fir-raba'. Iżda b'xorti ħażina Marija romlot u għalhekk reġgħet lura fir-raħal fejn kienet twieldet.



*Bidwi jaħrat biż-żewġ – bil-bagħal u l-gendus (1890-1900)*

Xi drabi familji sħaħ kienu jħallu 'l arthom u jerħulha lejn xi waħda minn dawn l-ibliet: wieħed iħajjar lill-ieħor għax jaraw li x-xogħol ifendi u, wara li jgerrbu s-snin, tant ikunu rabbew l-għeruq f'dak il-post 'il bogħod minn Malta li lanqas biss joħolmu jerġgħu lura darba għal dejjem fl-art ta' ġenshom. Hekk ġara lil Ġużeppi Camilleri u niesu. Ġużeppi siefer lejn Bona, fejn miet; hemm imbagħad trabba ibnu Franġisku li żżewweġ lil Anġela, imwielda s-Siġġiewi iżda marret toqgħod Bona. Fost ulied oħrajn, Franġisku u Anġela Camilleri kellhom lil Nikol li meta kiber laħaq qassis u baqa' Bona jgħin lil emigranti oħrajn. Dawn l-emigranti kienu ta' fejda kbira għat-titjib tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' ħafna Siġġiwin għax fejn jistgħu kienu sikwit jibagħtu xi ħaġa tal-flus lil nieshom. Il-Knisja wkoll, min-naħa tagħha, kienet tagħmel mill-aħjar biex ittaffilhom it-tfixkil u t-tbatijiet li jiltaqgħu magħhom. Niftakar, fi tfuliti, lil ta' qabilna jgħidu li bejn l-1920 u l-1940 Dun Ġużepp Aquilina (ta' Randa) mar kemm-il darba jagħmel l-eżerċizzi lill-Maltin ta' dawn l-ibliet. Mhumiex stejjer ġodda, żgur. Bħalhom għadna sikwit nisimgħu sal-lum: stejjer ta' eluf ta' Maltin li f'dawn l-aħħar ħamsin/sittin sena emigraw lejn l-Awstralja, il-Kanada jew l-Ingilterra u meta kultant tiltaqa' ma' xi dixxendenti tagħhom, arahom jgħidulek: "*My grand dad was Maltese!*".

**Il-Kanal tas-Swez u l-Vapuri tal-Faħam** (*Steamships*). Fl-istess waqt, dan huwa kollu xhieda tal-iżvilupp li ġara f'Malta, bħal f'pajjiżi oħra Ewropej, fit-tieni nofs tas-Seklu XIX, speċjalment wara l-invenzjoni tal-vapuri tal-metall jaħdmu bil-faħam u wara l-ftuħ tal-kanal tas-Swez fl-1869. B'hekk il-vjaġġ lejn il-Lvant Imbiegħed qsar u ħfief bil-bosta waqt li żdied il-kummerċ. Wara t-tmiem tal-gwerra tal-Krimea fl-1856, l-ammiraljat Ingliż beda żvilupp bla waqfien tal-faċilitajiet tat-tarzna u l-Port il-Kbir għall-vapuri Ingliżi – kemm kummerċjali kif ukoll navali[8].



*Vapuri tal-flotta Ingliża fil-Port il-Kbir għall-bidu tas-seklu XX*

Twaqqfet ukoll skola tas-snajja' għal xogħol marbut mal-ħtiġijiet tal-flotta. B'hekk iż-żgħażagħ Maltin setgħu jibdew l-apprendistat bil-wegħda ta' mpjieg mal-ammirall. Sal-bidu tas-Seklu XX, l-għadd ta' vapuri li daħlu fil-portijiet Maltin qabżu it-tlitt elef fis-sena. Fost il-ħafna Maltin li sabu xogħol il-Port, fuq il-vapuri jew mar-riġmenti Ingliżi kien hemm bosta Siġġiwin. Ulied il-bdiewa telqu x-xogħol tar-raba' u ingaġġew (kif kienu jgħidu huma!) "*prentis* it-tarzna" b'paga fissa u "l-frank" fil-Ħdud u l-festi. Iżda fl-istess waqt, bil-kummerċ mal-artijiet tal-Afrika ta' Fuq, kiber u xtered il-mard ukoll.

**Saħħa u sptarijiet**: Bħalma semmejna iktar 'il fuq, wara t-tkeċċija tal-Ordni ta' San Ġwann minn Malta, l-Ingliżi ftit li xejn kienu jagħtu kas il-problemi ta' saħħet il-Maltin. Bosta drabi mnalla kienu l-istituzzjonijiet reliġjużi li kienu jieħdu ħsieb il-morda billi jilqgħuhom fl-ospizji mmexxijin minnhom, bħall-Isptar San Ġużepp f'Ħaż-Żebbuġ, l-Ospizio Nicola Saura, *La Casa della Carità* fil-Furjana u oħrajn[9] li kienu jservu bħal speċi ta' *polikliniċi* distrettwali u jilqgħu fihom morda li ma kellhomx min idur bihom. Wenzu Gatt, bidwi mis-Siġġiewi, meta xjaħ u ma baqax jiflaħ, biegħ id-dar għall-prezz ta' mitejn skud u nġabar *F'La Casa della Carità,* fejn tal-anqas kellu min idur bih. Fl-1852. il-gvern Ingliż, meta ra li l-mard kompla kiber, ħass il-ħtieġa li jipprovdi l-hekk imsejjaħ *Albergo dei Poveri* - mnejn ġejja wkoll il-kelma **Berġa**[10] - jew kif inhu magħruf illum Sptar San Vinċenz. Fis-Seklu XIX kemm-il darba l-pesta u l-kolera xterdu ma' bosta rħula ta' Malta. Minbarra ħafna mard ieħor, bejn l-1850 u l-1867 żewġ epidemiji tal-kolera ħasdu l-ħajja ta' bosta Maltin u suldati Ingliżi. Ġara li minħabba l-emigrazzjoni u l-mard il-perċentwali fiż-żieda tal-popolazzjoni ta' Malta – u tas-Siġġiewi – għal xi snin tbaxxiet xi ftit.



*It-Troll tal-Wied tal-Girgenti (1881)*



*Il-Pont tat-triq t'Għar Lapsi*

il-poplu u ħafna tbatijiet oħrajn – l-awtoritajiet Ingliżi dehrilhom li r-riformi politiċi setgħu jkunu ta' ġid għalihom ukoll. B'hekk il-Maltin meta, wara bosta petizzjonijiet ingħataw id-dritt li jkollhom sehem fit-tmexxija ta' pajjiżhom, irnexxielhom jiksbu ħafna titjib siewi f'bosta oqsma, b'mod partikulari fil-bini ta' toroq u servizzi pubbliċi oħra. In-naħiet tas-Siġġiewi fl-1881 bnew il-pont fil-wied tal-Girgenti (li s-Siġġiwin kienu jsejħulu t-Troll), u pontijiet oħrajn fil-bidu ta' Wied il-Luq, Wied il-Ħesri u fuq il-Wied tal-Munxar

Minħabba dawn il-fatturi - nuqqas ta' xogħol, emigrazzjoni, mard u epidemiji, kif ukoll il-livell baxx t'edukazzjoni fost



*L-Akwedott tal-Fawwara mat-triq t'Għar Lapsi (1845)*

lejn Għar Lapsi: ħafna minnhom pontijiet baxxi apposta biex, f'każ ta' invażjoni minn xi qawwiet oħrajn, ikun eħfef li jiddefenduhom.

Minħabba n-nixfa u n-nuqqas ta' xita l-awtoritajiet ħasbu li jtejbu wkoll s-sistema tal-ilma tax-xorb, bil-ħsieb li jonqos il-mard. Fl-1845 kien inawgurat l-akwedott tal-Fawwara li wassal l-ilma lejn in-naħiet tal-Qrendi, Ħal Luqa u Raħal Ġdid[11].

Il-popolazzjoni baqgħet kulma tmur aktar tiżdied u l-mard qajla naqas. Għalhekk ir-rappreżentanti Maltin fil-Kummissjoni tal-Gvern bdew jinsistu li tiddaħħal f'Malta is-sistema tad-dranaġġ[12]. Il-professur Nikola Zammit, bħala d-direttur tal-akwedotti u l-provvista tal-ilma, ħejja pjani għas-soluzzjoni ta'dawn il-problemi u aktar tard għas-sistema tad-dranaġġ ukoll. Ta' min isemmi hawnhekk illi fl-istess żmien il-professur Zammit, bħala perit u fuq talba tal-kleru u l-poplu tas-Siġġiewi, ħa ħsieb it-tkabbir u l-bini mill-ġdid tal-faċċata u l-portiku tal-knisja. Ftit snin wara bit-tħabrik tal-Professur Zammit twaqqfet il-Banda San Nikola.

Bil-ħsieb li jinstab aktar xogħol għall-Maltin, twaqqfu wkoll xi industriji fosthom industrija tal-ħarir taħt l-isem ta' "*The British and Colonial Silk Company*". Ix-xogħol tal-ħarir jinħtieġ bosta nies minħabba li l-materja prima tiġi minn fosdqa ta' dudu li jgħix fuq il-weraq taċ-ċawsli. Għal dan il-għan tħawlu għadd kbir ta' siġar taċ-ċawsli f'ħafna nħawi ta' Malta. Fis-Siġġiewi tħawlu fil-widien bejn Tabrija u l-Girgenti u minn ħdejn iċ-ċimiterju ta' Tabrija sa San Blas kif ukoll f'Wied il-Luq. Bħal xi industriji oħrajn, dik tal-ħarir kien tentattiv li ma rnexxiex imma wieħed jista' jgħid li kellu effett pożittiv. B'riħet hekk fis-Siġġiewi trawmet klassi ta' nies tas-sengħa: min fetaħ mastrudaxxa (Pawlu Cutajar, Karmnu Bartolo,[13] Nikol Camilleri u Mikiel Farrugia li fl-1869 ħadem b'kemm jiswew 35 skud bibien u xogħol ieħor għall-kuntistabbli Indrì Psaila minn Ħaż-Żebbuġ imma joqgħod is-Siġġiewi), xi wħud ħajjata (Ġannikol Bartolo, Mikiel Anġ Zammit u Salvu Zammit li kien ukoll barbier), oħrajn bennejja (Lonzu Schembri u Ġużepp Cutajar[14]) jew bajjada (Ċikku Cachia[15] u Nardu Bonnici[16]), min ħaddied (Ċensu Grima[17]) u oħrajn tawha għan-negozju (Ġuseppi Camilleri[18] u Ċikku Borg imlaqqam *Il-Musti*). Milli jidher fil-familja ta' Ċikku Cachia kien hemm bajjada oħrajn tant li s-Siġġiwin kienu jsejħulhom Tal-Kaħħala. Xi wħud kellhom sengħa jew xogħol mhux komuni bħal Saver (Francesco Saverio) Delia, pizatur, in-nannu ta' Patri Ġużè Delia; l-arluġġar Kalċidon Pisani; u Ċensu Cotroffo, purtinar mil-Belt iżda joqgħod is-Siġġiewi għax miżżewweġ lil Maria Francesca Chetcuti.



*Dehra tal-Knisja wara t-Tkabbir bejn 1862 u 1865 taħt id-direzzjoni tal-Prof. Nikola Zammit*

**L-edukazzjoni**: Fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann, l-edukazzjoni kienet għadha biss f'idejn xi reliġjużi jew nies oħrajn midħla tal-knisja. Ħafna drabi xi qassis kien jitlob permess lill-isqof biex iħarreġ grupp ta' tfal mir-raħal fil-qari u l-kitba, l-aktar tat-Taljan, u fl-istess waqt idaħħal xi ħaġa żejda. Lejn l-1840 twettqet riforma tal-universitá u nfetħu skejjel għat-tagħlim elementari b'xejn ma' Malta kollha[19]. B'hekk sal-aħħar tas-seklu l-edukazzjoni

fis-Siġġiewi wkoll ħadet spinta ġmielha. Kiber il-ġid u dan ġab żieda fin-numru ta' lawrjati. In-nutari Francesco Caruana Junior u Nicola Laferla ggradwaw lejn nofs is-seklu dsatax. Fl-atti tagħhom wieħed spiss jiltaqa' ma' tagħrif dwar professjonisti Siġġiwin jew li ħadmu fis-Siġġiewi. Ta' min isemmi diversi membri tal-familja Balzan: it-tabib Mikiel Ang Balzan, l-avukat Gio Nicola u ħuh Dun Franġisk ulied in-nutar Salvatore Balzan. Jissemmew wkoll it-tobba Pawlu Antonio Azzopardi u Ġużeppi Gaudenz Debono, minn Ħaż-Żebbuġ imma joqgħod is-Siġġiewi. Hemm imbagħad il-Professur Nikola Zammit, tabib, filosfu u perit. Għandna wkoll l-ispiżjar Ġużeppi Camilleri, l-avukati Gio Nicola Balzan u Nikola Delia; żewġ *surveyors*: Giovanni Andrea Psaila Decelis u Gian Domenico Debono u żewġ studenti tal-università: Giovanni Borg u Pawlu Chetcuti bin it-tabib Giuseppe imwieled in-Naxxar iżda joqgħod fir-raħal tagħna. Ma' dawn il-professjonisti jeħtieġ wieħed iżid ukoll għadd ġmielu ta' qassisin li n-nutar jirreferi għalihom bħala "*Rev. Dr ...*" ġeneralment minħabba li kellhom dottorat fid-divinità jew fit-teoloġija; fosthom insibu lil "*Rev. Dr Don Luigi Azzopardi*" bin it-tabib Paolo Antonio, "*Rev. Dr Francesco Saverio Vassallo dottore in Sacra Teologia*" u kanonku tal-kapitlu tal-katidral kif ukoll *Rev. Dr D. Nicola Pace DD*".

Dawn huma biss ftit ismijiet li jagħtuna ħjiel tal-iżvilupp tal-poplu tas-Siġġiewi fi żmien ir-renju tar-reġina Vittorja. Hemm bosta oħrajn x'wieħed iżid magħhom. Minn dan it-tagħrif wieħed jifhem kif, minn dawn l-atti, toħroġ firxa wiesgħa tal-qagħda li fiha kien jinsab il-poplu tas-Siġġiewi. Wieħed malajr jintebaħ li s-Siġġiwin bejn l-1850 u l-1900 ma kinux biss nies tar-raba', qishom maqtugħin f'dinja għalihom iżda kienu poplu ħawtiel u tal-istink, determinat li jgħaddi 'l quddiem. Minn naħa l-waħda in-nannu tiegħi Karmnu Ellul kien dejjem isus wara wliedu (ommi l-ewwel waħda) biex "*jitgħallmu l-iskola għax ma jbatu qatt*" u mill-banda l-oħra n-nannu l-ieħor kien dejjem itenni li "*r-raba' jrabbi*". M'għaddhiex żmien wisq mit-tmiem tas-seklu dsatax li Malta u d-dinja ma sabux ruħhom imdaħħlin f'taqtigħa qalila li ħasdet il-ħajja ta' miljuni ta' nies u ħalliet daqs tant ieħor immankati. It-tmiem tas-seklu dsatax kien ukoll, għall-Maltin, it-tmiem tal-progress li kien ġab miegħu risq lil bosta Siġġiwin. Kellhom jgħaddu 'l fuq minn ħamsin sena qabel pajjiżna reġa' qabad ritmu bħal dak ta' bejn l-1850 u l-bidu tas-seklu għoxrin.

File: Is-Siġġiewi bejn l-1850 u l-1900

**Referenzi**


[1] v. Sir T. Zammit: *Malta, the Maltese Islands and their History*. App.XI, p391
[2] Ibid, p283
[3] Notarial Archives Valletta (NAV) not. Fco. Caruana junior, vol1-4/686 et seq.
[4] NAV not Fco Caruana 18/686, 1868.
[5] NAV not. Fco. Caruana 1869.
[6] Ibid 25/686, 1872.
[7] NAV not Fco. Caruana 25/686, 1872
[8] S. Busuttil: "*Malta's Economy in the Nineteenth Century*" fil-"*Journal of the Faculty of Arts*" III-nº 1 (1965).
[9] Paul Cassar: "*The Concept and Range of Charitable Institutions ...*" *in* The Malta Medical Journal vol 18 /1 March 2006 (online).
[10] Ibid, p48
[11] Sir T. Zammit:" *Malta,the Maltese Islands ...*" p296
[12].Idem p344
[13] NAV not Fco Caruana, 1868
[14] NAV not Fco Caruana, 1869
[15] NAV not Fco Caruana ibid
[16] NAV not Fco Caruana, 1869
[17] NAV not N. Laferla, 1865
[18] NAV not Fco Caruana ibid
[19] Sir T. Zammit: "Malta, the Islands ..." p290.